**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 284/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Wayne Borg**
**(ID 98000(L))**

**Illum: 27 ta' April 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Wayne Borg** ta' 32 sena, iben Paul u Linda nee` Pearson, imwieled Londra fit-3 ta' Lulju 1981, residenti 12, St. Mary, Triq San Gejtanu, Ħamrun u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 98000(L);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-31 ta' Lulju 2013 u matul l-erba' xhur ta' qabel din id-data:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-

importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Biegħ jew xort'oħra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2016, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Nhar il-31 ta' Lulju 2013, membri mill-Iskwadra kontra d-Droga waqqfu vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBL 585, liema vettura kienet tinsab fi Ġnien il-Kunsill, Ta' Xbiex. Ix-xufier tal-vettura kien ċertu Karl Damato, fil-waqt illi l-passiġġier kien l-imputat odjern. Waqt tfittxija li saret fil-konfront ta' Karl Damato instabet landa tal-metall, li kien fiha tubu bil-*foil, foil* u xi frak kannella, fil-waqt illi fil-but kellu pakkett b'sustanza suspettata eroina u pakkett b'sustanza

suspettata pjanta *cannabis*[1]. Fl-istess vettura, ħdejn il-*handbrake*, bejn is-*seats*, instabu wkoll *foil* u sustanza kannella suspettata eroina[2]. Minn fuq in-naħa tal-imputat, ġie elevat ukoll basket tad-drapp li kien fih is-somma ta' mija u ħames ewro (€105).[3] PS 891 Oscar Baldacchino jixhed illi x'ħin il-Pulizija ġew biex iwaqqfu l-vettura in kwistjoni, l-istess vettura rriversjat biex titlaq minn fuq il-post, iżda ġiet magħluqa b'vettura oħra minn wara u twaqqfet. Skont l-istess xhud:

> "…Wayne ghamel mossa li qed inehhi xi affarijiet u jitfaghhom fil-genb tas-seat tieghu fejn eventwalment qed nghid li elevajt dawn minn fejn il-handbrake."[4]

Ix-xhud jgħid ukoll illi huwa ra lill-imputat jagħmel dan mit-tieqa, meta avviċinaw il-vettura.[5]

Dwar dan, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, is-Supretendent (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma jixhed illi kemm l-imputat odjern, kif ukoll Karl Damato ġew investigati u rrilaxxjaw stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva[6]. Huwa jgħid illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, Damato sostna illi kien l-imputat li kien ifornih bl-eroina u bil-*cannabis*, liema stqarrija mbagħad l-istess Damato ikkonfermaha bil-ġurament tiegħu quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Anthony Vella. Is-Supretendent Dennis Theuma jixhed ukoll illi xi ġimgħa wara, Damato qallu li ried jibdel il-verżjoni tiegħu għax dak li kien qal ma kienx minnu. Dwar dan, ix-xhud ikompli jgħid hekk:

> "Jien meta kont kellimtu u hadtlu l-istqarrija u imbghad igguramentaha jien kien dherli li huwa sincier. Meta qalli hekk ghidtlu mhux problema, jien minix ser nibdel xejn, imma ser ikollok l-opportunita li tibdel xi haga minn dik l-istqarrija quddiem il-Magistrat."[7]

Illi mill-proċess verbal dwar l-istqarrija ġuramentata ta' Karl Damato[8], jirriżulta illi nhar l-1 ta' Awwissu 2013, l-istess Damato ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-31 ta' Lulju 2013 quddiem il-Maġistrat Dr. Anthony Vella u dan ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-

---

[1] Dawn ġew esebiti bħala Dok. DT1 mis-Supretendent Dennis Theuma (ara a fol. 17 tal-proċess); dwar din is-sejba ara x-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef li għamel it-tfittxija fuq l-imputat ma' PC 10 (ara a fol. 27 sa 29 tal-proċess).

[2] Dawn ġew esebiti bħala Dok. DT2 mis-Supretendent Dennis Theuma (a fol. 17 tal-proċess).

[3] Dan ġie esebit mis-Supretendent Dennis Theuma bħala Dok. DT 3. Ara wkoll ix-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 30 u 31 tal-proċess.

[4] Ara a fol. 25 tal-proċess.

[5] Ara x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino, a fol. 23 sa 26 tal-proċess.

[6] L-istqarrija tal-imputat tinsab esebita bħala Dok. DT, a fol. 20 sa 22 tal-proċess.

[7] Ara a fol. 18 tal-proċess. Ara x-xhieda tas-Supretendent Dennis Theuma a fol. 14 sa 19 tal-proċess.

[8] Dan jinsab esebit a fol. 38 sa 49 tal-proċess.

Liġijiet ta' Malta. Fl-istqarrija tiegħu Damato jikkonferma illi l-ħaxixa u l-eroina li nstabu fuqu mill-Pulizija dakinhar wara nofsinhar, kienu tiegħu u illi dawn kienu għall-użu personali tiegħu. Mistoqsi dwar xi *sachets* bi trab kannella allegatament eroina li nstabu fil-vettura tiegħu, ix-xhud jgħid illi dawn ma kinux tiegħu. Huwa jgħid illi kien reġa' beda jieħu l-eroina f'dawk l-aħħar tliet ġimgħat wara li kien għamel perjodu li fih irnexxielu jieqaf, u illi kien jinqeda mingħand Wayne Borg. Jgħid ukoll illi lil Borg sar jafu snin ilu tramite ħbieb komuni u illi xtara l-eroina mingħandu madwar tliet darbiet f'dawk l-aħħar tliet ġimgħat. Jgħid in oltre illi normalment kien jixtri pakkett eroina ta' €20 mingħandu u li dan kien jaqdih quddiem il-monument tal-ħaddiem, l-Imsida, għaliex kien konvenjenti għalih (għal Damato). Jgħid ukoll dwar is-*sachet* bi trab kannella li nstab dakinhar fil-pussess tiegħu, illi kien għadu kif xtrah mingħand Borg, fi Triq Dingli, Sliema. Mistoqsi dwar il-borża żgħira bil-ħaxixa li nstabet fil-pussess tiegħu, huwa jgħid illi din ukoll akkwistaha mingħand Borg, li tahielu b'xejn, għalkemm dak iż-żmien huwa ma kienx qed ipejjep ħaxixa. Jgħid ukoll illi huwa jċempel lil Borg fuq in-numru 7703 0781. Mistoqsi għal darb'oħra dwar id-droga l-oħra li nstabet fil-vettura tiegħu, huwa jgħid illi meta Borg ra lill-Pulizija ġejjin, huwa rema d-droga li kellu fuqu fl-istess vettura. Muri ritratt ta' persuna ta' sess maskili, huwa kkonferma illi dan kien Wayne Borg.[9]

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Karl Damato jikkonferma li huwa kien ġie arrestat fis-sena 2013 dwar pussess u illi l-każ tiegħu kien ġie deċiż. Flimkien miegħu kien ġie arrestat ukoll l-imputat odjern. Fil-pussess tiegħu ossia tax-xhud, instabu eroina u ħaxixa tal-*cannabis*. Jgħid ukoll illi taħt is-*seat* tal-passiġġier fejn kien bilqegħda l-imputat, il-Pulizija sabu xi droga, li huwa kien jaf li ma kinitx tiegħu iżda tal-imputat. Jgħid hekk fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri:

> "And the Police made a point of rubbing it in again, and again and again, that Wayne threw the drugs, his drugs under the seat to put the blame on me. Automatically I knew that they were just trying to pin, trying to get me to talk about him. And so I did. And I was angry as well, because I thought that he was trying to get me in trouble. But I didn't know that he has straight away told them that they were his, that they belonged to him. But I wasn't told that."[10]

Skont ix-xhud, id-droga tal-imputat kienet eroina, fil-waqt illi hu kellu l-eroina u l-*cannabis*. Ikompli hekk:

> "… But the day after I saw his statement and straight away he admitted that they were his. I am going to say the truth, now, if he didn't do anything wrong then I am not going to say that he did".[11]

---

[9] Ara a fol. 43 sa 46 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 62 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 63 u 64 tal-proċess.

Jgħid illi lill-Pulizija huwa kien qalilhom li kien xtara d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu mingħand l-imputat, iżda li dan ma kienx minnu u li kien xtrahom mingħand ħaddieħor. Jikkonferma li xi ftit tal-jiem wara huwa avviċina lill-Ispettur Theuma u qallu li ried ibiddel il-verżjoni tiegħu u dan fis-sens illi ma kienx minnu li kien xtara d-droga mingħand l-imputat u mistoqsi x'kien ġara fil-frattemp wara l-ewwel verżjoni tiegħu, huwa jgħid li ma kien ġara xejn, ħlief li kien ra l-istqarrija tal-imputat u nduna li ma kienx minnu li danipprova jixħet il-ħtija fuqu. Jgħid ukoll illi l-Pulizija kienu qed jagħmlu xogħolhom billi jippruvaw iwassluh sabiex jitkellem, kif ukoll illi huwa kien taħt l-effett tad-droga. Jgħid illi huwa ma marx għand avukat wara li rrilaxxja l-istqarrija tiegħu għax l-Ispettur qallu li ma kienx hemm għalfejn jagħmel dan.

Jgħid illi huwa kien ilu jaf lill-imputat għal xi snin u illi kienu ilhom ħbieb għal xi żmien. Fi kliemu, "*We were friends. That's why I was so angry when you told me that he was trying to blame it on me*".[12] Mistoqsi dwar id-dettalji li huwa jipprovdi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa jwieġeb "*I simply substituted the truth for his name. Obviously to make it seem, a story has to have some facts in it, to make it seem real*".[13] Jgħid ukoll illi huwa tkellem mal-imputat xi jumejn wara li ra l-istqarrija rilaxxjata minnu, meta nduna li ma kienx minnu li kien ipprova jixħet il-ħtija fuqu. Jgħid b'referenza għall-verżjoni oriġinali tiegħu illi "*It was made up as well, because I am not going to get someone in trouble, it is not fair. He told me the truth, so I am not going to get him in trouble for nothing...Because it is not true that he sells anything*".[14] Jinnega li huwa ġie mhedded wara li rrilaxxja l-istqarrija tiegħu u jgħid li tkellem mal-imputat xi jumejn wara l-istqarrija, fejn l-imputat urieh l-istqarrija tiegħu u wrieh li ma kienx minnu li pprova jixħet il-ħtija fuqu. B'referenza għall-Pulizija, huwa jgħid li għamlu minn kollox sabiex jixħtu l-ħtija fuq l-imputat u għalhekk huwa tahom dak li ħaseb li riedu jisimgħu, sabiex jiġi rilaxxjat. B'referenza għall-fatt li huwa kkonferma l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, huwa jgħid li dan seħħ biss jum wara u li għalkemm fil-frattemp kien ġie rilaxxjat, ma kellux biżżejjed ħin biex jaħseb jew jifhem il-konsegwenzi ta' dak li kien qed jagħmel. Isostni li hekk kif ra l-istqarrija tal-imputat, l-għada, huwa mill-ewwel mar għand l-Ispettur Theuma sabiex jgħidlu li ma kienx minnu dak li kien stqarr.

In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi l-verżjoni korretta kienet it-tieni waħda ossia li ma kienx minnu li l-imputat fornieh bid-droga. Jgħid illi huwa ma ottjeniex parir legali stante li ngħad lilu illi l-każ tiegħu kien wieħed sempliċi ta' pussess ta' droga u li allura ma kienx hemm il-bżonn li jikkonsulta ma' avukat u lanqas ma talab assistenza medika. Skont hu, ma fehmx il-konsegwenzi u ħaseb li "*it*

[12] Ara a fol. 68 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 69 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 69 u 70 tal-proċess.

*was a simple tit for tat. He was trying to get me in trouble, so I did something in return*".[15]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2019, id-difiża talbet illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat tiġi skartata minn din il-Qorti, u dan stante illi l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu. F'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.[16]

Jirriżulta mill-atti illi meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija Eżekuttiva ossia fl-1 ta' Awwissu 2013, l-imputat ingħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li jeżerċitah.[17] Madankollu, huwa ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, stante li dan id-dritt ma kienx viġenti fil-liġi Maltija fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan il-jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Minkejja illi d-difiża talbet illi l-istqarrija tal-imputat lill-Pulizija Eżekuttiva tiġi skartata, il-Qorti ma tqisx illi għandha għalfejn tidħol f'din il-kwistjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tal-imputat fil-każ odjern. F'dan il-każ l-imputat jinsab akkużat biss bit-traffikar tad-drogi eroina u pjanta tal-*cannabis* u mhux bil-pussess ta' dawn id-drogi. Il-fatt illi ma saritx analizi tas-sustanzi li l-imputat ġie nnutat jarmi fil-vettura li kien jinsab fiha u illi fl-istqarrija tiegħu huwa jammetti li kien juża d-droga eroina, ftit li xejn, jekk mhux addirittura ma jimpinġi xejn, fuq il-ħtija o meno tal-imputat dwar ir-reati li bihom jinsab akkużat fil-każ tal-lum. Fi kwalunkwe każ, l-imputat jiċħad fl-istqarrija tiegħu illi huwa qatt biegħ xi droga lil Karl Damato, ossia lix-xufier tal-vettura li fiha kienu qegħdin l-imputat u Damato meta twaqqfu mill-Pulizija, li fil-pussess tiegħu nstabu l-eroina u l-pjanta tal-*cannabis*. Għalkemm is-sustanza misjuba fil-pussess ta' Damato ma ġietx analizzata minn espert forensiku, u dan għaliex il-Prosekuzzjoni ma talbitx li jinħatar tali espert, biss jirriżulta ċar mix-xhieda ta' Damato f'dawn il-proċeduri u anke fl-istqarrija minnu kkonfermatha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Anthony Vella, illi tali sustanzi kienu fil-fatt eroina u pjanta tal-*cannabis.* Il-pern tal-kwistjoni kollha huwa jekk il-Qorti għandhiex tistrieħ fuq l-ewwel jew it-tieni verżjoni ta' Karl Damato sabiex tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tal-imputat odjern.

Huwa evidenti mill-atti proċesswali illi l-Prosekuzzjoni qed issejjes il-każ tagħha esklussivament fuq l-istqarrija ġuramentata ta' Karl Damato quddiem il-

[15] Ara a fol. 76 tal-proċess. Ara x-xhieda ta' Karl Damato a fol 58 sa 78 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 81 tal-proċess.
[17] Ara l-istqarrija tal-iimputat esebita a fol. 20 sa 22 tal-proċess.

Maġistrat Dr. Anthony Vella, li fiha huwa sostna li akkwista d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu mingħand l-imputat oderjn. Mill-banda l-oħra, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Damato jgħid illi ma kienx minnu illi huwa akkwista din id-droga mingħand l-imputat odjern, iżda li oriġinarjament huwa kien qal dan stante li kien irrabjat għaliex ħaseb illi l-imputat kien xeħet fuqu r-responsabilita` dwar is-sustanza li nstabet fil-vettura tiegħu, u li skont hu, kienet tal-imputat.

Illi din m'hijiex l-ewwel okkażżjoni li fiha l-Qorti ġiet rinfaċċjata b'ċirkostanzi bħal dawk tal-lum. F'dan il-kuntest, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**, tas-26 ta' Mejju 2003, fejn ġie ritenut is-segwenti dwar stqarrija ġuramentata:

> "„, anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid tagħmel użu minn dikjarazzjoni ġuramentata meħuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li min ikun għamel dik l-istqarrija għandu jinġieb fil-qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontroeżaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jiġi eżaminat jew kontro-eżaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni ġuramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittieħed bħala prova kontra l-akkużat; il-gudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal għall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija ġuramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat...".

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li għandha tingħata lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ossia Karl Damato, li fl-istqarrija minnu rilaxxjata lill-Pulizija u kkonfermata quddiem il-Maġistrat Dr. Anthony Vella, indika lill-imputat odjern bħala l-persuna li mingħandha kien akkwista l-eroina u l-*cannabis* li nstabu fil-pussess tiegħu, kif ukoll illi huwa kien akkwista l-eroina mingħand l-imputat fit-tliet ġimgħat ta' qabel. Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbagħad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skont l-Artikolu 30(1) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra. Imbagħad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Debono**, deċiża fis-7 ta' Lulju 2003 minn din il-Qorti kif diversament preseduta:

> "Issa fil-kaz in disamina m'hemmx dubbju li x-xhieda guramentata moghtija minn El-Kurbo kontra l-imputat konfermata quddiem magistrat hija sufficjenti sabiex din il-qorti ssib reita' kontra tieghu u la ghandha ghalfejn tfittex korroborazzjoni "b'cirkostanzi ohra".
>
> Inghad dan pero' din il-qorti hi tal-fehma li anka f'cirkostanzi 'normali' fejn l-uniku xhud kontra imputat huwa bhal f'dan il-kaz l-'akkusatur' u m'hemm lanqas tracca ta' cirkostanza, imqarr wahda, li toffri korroborazzjoni, l-akbar cirkospezzjoni hija mhux biss dovuta izda obligatorja. F'dan il-kaz mhux biss ma jezistux provi ohra izda u apparti c-cahda kategorika tal-imputat hemm ir-ritrattazzjoni tax-xhud stess li fuqu il-prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha. F'dan il-kuntest il-qorti qeghdha tiskarta ghal kollox bhala mill-aktar tenwa u assai rrilevanti l-fatt li El-Kurbo kellu n-numru tat-telefon cellulari tal-imputat. In vista ta' dan kollu ghalhekk il-qorti tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena."

Tenut kont tal-fatt illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar il-provvista tad-drogi eroina u *cannabis* da parti tal-imputat lil Damato tirriżulta biss mill-istqarrija ta' Damato kif sussegwentement ikkonfermatha minnu quddiem il-Maġistrat Dr. Anthony Vella, tenut kont ukoll tal-fatt illi Damato irritratta minn din ix-xhieda tiegħu u sostna iżjed minn darba f'dawn il-proċeduri illi mhuwiex minnu illi huwa kien akkwista l-imsemmija drogi mingħand l-imputat odjern, kif ukoll illi lanqas jirriżultaw xi ċirkostanzi oħrajn li jorbtu lill-imputat mal-bejgħ jew provvista tad-droga lil Damato, il-Qorti tqis illi jkun perikoluż illi tistrieħ fuq l-ewwel verżjoni ta' Damato sabiex issib ħtija fl-imputat odjern dwar l-ewwel u

t-tieni imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll illi wara ftit tal-jiem li huwa rrilaxxja l-istqarrija tiegħu u kkonfermaha bil-ġurament, huwa avviċina lill-Uffiċjal Investigatur u Prosekutur, l-Ispettur Dennis Theuma sabiex jgħidlu li ma kienx minnu dak li qal fl-istqarrija tiegħu, kif ukoll illi PS 891 Oscar Baldacchino xehed illi huwa ra lill-imputat jarmi fil-vettura, dak li wara rriżulta li kienet sustanza u għalhekk huwa ben verosimili illi Damato ħaseb illi l-imputat kien xeħet fuqu r-responsabilita` dwar dik is-sustanza. Il-fatt illi l-imputat kellu xi sustanza jew flus kontanti fil-pussess tiegħu, ċertament li ma jfissirx awtomatikament illi huwa forna sustanzi lleċiti lil Damato u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova oħra għajr għall-istqarrija ġuramentata ta' Damato, sussegwentement minnu miċħuda, il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni, fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-imputat huwa ħati tat-traffikar tad-droga fit-termini tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

Ifisser ukoll konsegwentement, illi lanqas ma tista' ssib lill-istess imputat ħati tat-tielet imputazzjoni, ossia l-aggravju tad-distanza.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Wayne Borg** <u>mhux ħati</u> tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti esebiti fl-atti bħala Dok. DT1 u DT2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tas-somma ta' mija u ħames ewro (€105) esebita bħala Dok. DT3 lil Wayne Borg.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur